**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016

Talba numru 448/2013 AM3

Numru fuq il-Lista: 7

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mark Stubbings u l-istess Mark Stubbings (K.I. 87280M)**

**Vs**

**Orlando Cassar (K.I. 601264M)**
**38, Bruge 2, Flat 5, Triq il-Vlontin, Birkirkara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-24 ta' Lulju, 2013 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici noe talbet minghand il-konvenut il-hlas ta' elf, tmien mija u erbgha u tmenin ewro u sittin centezmu (€1,884.60c) dovuta kwantu ghal hlasijiet li ghamlet is-Socjeta' attrici ghad-danni kollha sofferti mill-attur Mark Stubbings bhala rizultat ta' incident li sehh fi Triq il-Knisja, l-Imsida fl-24 ta' Awwissu, 2011 meta waqt li l-konvenut kien qed inizzel il-lift waqghet briksa fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CMS 005 proprjeta' tal-attur Mark Stubbings li kienet ipparkjata taht fejn kien qed jahdem l-imsemmi konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu Dr Alexia Zammit McKeon irrilevat li l-konvenut huwa kontumaci.

Ra r-risposta tal-konvenut tal-05 ta' Settembru, 2013 a fol 9 tal-process li minnha jirrizulta li l-konvenut qed jikkontesta t-talba tas-Socjeta' attrici u tali risposta giet intavolata fiz-zmien moghti mil-ligi.

Ra l-verbal tas-16 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu t-Tribunal kien ordna li l-kawza tithassar minn fuq il-lista.

Ra d-digriet tat-8 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu t-Tribunal kien laqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u ordna li l-kawza tigi mqeghda fuq il-lista sabiex tkompli tigi mismugha u deciza u ordna li l-kawza titqieghed fuq il-lista tas-seduta tad-09 ta' Ottubru, 2015.

Ra li l-konvenut gie notifikat bir-riappuntament tal-kawza u gie notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ghas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2016.

Ra li s-Socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016 iddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Ra d-dokumenti kollha imresqa mis-Socjeta' attrici kif ukoll x-xhieda guramentata ta' Dr Alessia Zammit McKeon in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut u dak kontenut fl-avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut inghata diversi oppportunijatijiet biex iressaq il-provi tieghu u ma ghamel xejn u ghalhekk it-Tribunal fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2016 kien iddikjara l-provi tal-konvenut maghluqa.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u erbgha u tmenin ewro u sittin centezmu (€1,884.60c) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 2012 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**